MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 133/2009

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**
**nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu hawn Malta fl-20 ta' April 2004, u minn liema ghaqda ma kienx hemm tfal;

2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha rrispondew illi filwaqt li huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza ghandhom jifhmu – billi ma nghataw l-ebda hjiel – li C D huwa nieqes minn Malta u ghalhekk hekk kif l-attrici tghaddilhom kull taghrif li ghandha biex jistghu jaqbdu mieghu, huma jaghmlu hilithom kollha biex dan isehh; huwa ahjar ukoll li l-attrici tesebixxi certifikat shih tal-att taz-zwieg.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut assenti fl-20 ta' April 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-vizzju tal-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [f] u [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Mill-provi jirrizulta li fl-20 ta' April 2004, l-attrici, cittadina Maltija, izzewget lill-assenti C D, cittadin Libjan, meta

allura hi kellha 24 sena u hu kellu 30 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena u nofs. Ftit zmien wara z-zwieg l-imsemmi C D telaq minn Malta ghal kollox.

L-attrici tispjega li fiz-zmien li hi kienet saret tafu qabel iz-zwieg, il-konvenut kien jahdem f’ Malta bil-visa temporanja. Tghid, li wara ftit li zzewgu huma kienu marru d-dipartiment ta’ l-immigrazzjoni biex il-konvenut jirranga l-istat tieghu f’ Malta la darba kien izzewweg mara Maltija.

Hija tghid li f’ dak iz-zmien kien ghad ma kellhomx dar matrimonjali, u ghalhekk kienu jghixu separatament. Tghid li, minkejja l-isforzi taghha sabiex huma jsibu post fejn ikunu jistghu jghixu flimkien, il-konvenut dejjem gab skuzi biex dan ma jsehhx, u ghalhekk, anke wara z-zwieg, kienu jghixu separatament minn xulxin. Tghid ukoll li l-konvenut, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, kien riluttanti li jkollu x’ jaqsam maghha sesswalment, u kien jirrifjuta. Eventwalment, l-attrici skopriet li l-konvenut, allura zewgha, kien qed ikun infidil lejha, u meta kkonfrontatu b’ dan il-fatt, huwa kien vjolenti maghha u kien ukoll refa’ jdejh fuqha. Sussegwentement hija tilfet il-kuntatt minn mieghu, u wara, skopriet li hu kien telaq minn Malta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan il-kaz il-qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut assenti l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat; ghax mill-provi jirrizulta car li, ghalkemm esternament huwa ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament u b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu huwa eskluda l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat, il-qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][f] Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ April 2004.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------